# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-13 t'Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 486/2016 SM**

**L-Avukat Dottor Lorna Mifsud Cachia (detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 507477 M) fil-kapacita` taghha ta' mandatarja specjali tas-socjeta` estera Valente Shipping Inc., socjeta` kummercjali registrata f'Marshall Islands, illi ghandha l-ufficcju registrat taghha f'Trust Company Complex, Ajeltake Road, Ajeltake Island, Majuro, Marshall Islands, MH96960 bin-numru ta' registrazzjoni C-68100**

**vs.**

**Cassar Fuel Limited (C-28453)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors fuq indikat datat iz-17 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` principali taghha estera otteniet sentenza f'Ravenna, l-Italja, kontra s-socjeta` intimata, datata t-22 ta' Marzu, 2016, (ara foll 4);

1.2. Illi skont dokument rilaxxat mill-istess tribunal fuq indikat datat it-18 ta' Mejju, 2016, l-istess sentenza ghaddiet in gudikat, (ara foll 8);

1.3. Illi l-istess sentenza jinhtieg li tigi ezegwita f'Malta, u konsegwentement din hi procedura inoltrata *ai termini* tal-artiklu 32 tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Dicembru, 2012, dwar il-gurisdizzjoni, rikonoxximent u esekuzzjoni ta' sentenzi ta' natura civili u kummercjali numru 1215/2015, biex titlob li din il-qorti tiddeciedi li m'hemm l-ebda raguni *ai termini* tal-artiklu 45 li fuqha jista' jkun hemm rifjut ta' rikonoxximent tad-decizjoni fuq imsemmija;

1.4. Illi s-sentenza estera fuq citata ordnat ir-rilaxx ta' bastiment li kien arrestat u ordnat ukoll li l-ispejjez tal-istess procedura jkunu a karigu tas-socjeta` hawn ukoll intimata, (ara foll 9);

1.5. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex din:

1.5.1. Tiddikjara li m'hemm l-ebda raguni *ai termini* tal-artiklu 45 tar-Regolament fuq citat tal-Parlament Ewropew li fuqha jista' jsir rifjut tar-rikonoxximent tas-sentenza fuq riferita tal-Qorti ta' Ravenna l-Italja, datata t-22 ta' Marzu, 2016, fuq gia` riferita;

1.5.2. Taghti dawk il-provedimenti kollha xierqa u opportuni;

2. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi d-dokumenti esebiti mir-rikorrenti *nomine* jissodisfaw il-kriterji legali kollha *stante* li jirrizulta li:

5.1. Is-sentenza in dizamina hi naxxenti mill-qorti ta' Ravenna, l-Italja, pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea, (ara foll 4);

5.2. Illi s-sentenza ghaddiet in gudikat, (ara foll 8);

5.3. Illi qieghed debitament jintalab ir-rikonoxximent u l-esekuzzjoni debita tal-istess f'gurisdizzjoni ta' pajjiz membru iehor tal-Unjoni Ewropea;

6. Illi sodisfatti dawn il-kriterji din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

7.0. Illi *stante* li din il-qorti tqis li r-rikorrenti *nomine* issodisfat il-kriterji fuq indikati tqis li allura ippruvat it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

7.1. Tiddikjara li qed tirrikonoxxi s-sentenza fuq riferita, u konsegwentement tordna l-esekuzzjoni tal-istess sentenza moghtija mill-Qorti ta' Ravenna, l-Italja, fil-konfront tas-socjeta` registrata Malta bl-isem ta' Cassar Fuel Limited datata it-22 ta' Marzu, 2016, li ghaddiet in gudikat;

7.2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**